# Statut 2009



THE MALTA COMMUNITY CHEST FUND

MCCF

www.maltacommunitychestfund.org

# THE MALTA COMMUNITY CHEST FUND
# STATUT

# WERREJ


1. Struttura
2. Isem
3. Xoljiment
4. Uffiċċju Reġistrat
5. Logo
6. Objettivi u Għanijiet
7. Amministrazzjoni u Funzjonament
8. Laqgħat u Proċeduri
9. Finanzi u Kontijiet
10. Kumitati ta' Ħidma
11. Tqassim ta' Fondi
12. Sottokumitati
13. Rappreżentazzjoni
14. Reviżjoni tal-Istatut u l-Emendi

1. L-ISEM TAL-ORGANIZZAZZJONI

L-isem tal-Organizzazzjoni ser ikun il-MALTA COMMUNITY CHEST FUND, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Il-Fond".

2. STRUTTURA

2.1 Il-Fond huwa Organizzazzjoni Filantropika, li qed titwaqqaf mill-President tar-Repubblika ta' Malta, li minn issa 'l quddiem jissejjaħ "Il-President".

3. XOLJIMENT

3.1 Il-Fond jista' jiġi xolt biss b'deċiżjoni tal-President, meta huwa joħroġ avviż pubbliku dwar dan ix-xoljiment.. Meta tittieħed din id-deċiżjoni, il-President għandu jippreżenta kopja oriġinali tar-rekords finanzjarji tal-Fond.

4. UFFIĊĊJU REĠISTRAT

4.1 L-Uffiċċju reġistrat tal-Fond huwa l-indirizz uffiċjali tal-President.

5. LOGO

Il-logo tal-organizzazzjoni għandu jkun skont l-illustrazzjoni t'hawn taħt:

## 6. OBJETTIVI U GĦANIJIET

L-objettivi u l-għanijiet li għalihom twaqqaf il-Fond huma kif ġej:-

a. biex jirċievi donazzjonijiet, kontribuzzjonijiet, dħul minn attivitajiet ta' ġbir ta' fondi, legati u dotazzjonijiet;
b. biex jorganizza attivitajiet ta' ġbir ta' fondi għall-benefiċċju tal-fond;
c. biex jipprovdi fondi b'risq il-faqar, il-ġuħ, is-sitwazzjonijiet ta' bżonnijiet estremi, il-mard, id-diżabilità u/jew kwalunkwe ħtiġijiet oħra lill-individwi, komunitajiet, istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet, kemm fi flus kontanti kif ukoll fi prodotti;
d. biex jagħti edukazzjoni u appoġġ lit-tfal li kienu jgħixu f'istituti u/jew tfal żvantaġġati;
e. biex jippromwovi, permezz ta' għotjiet jew boroż ta' studju, speċjalizzazzjoni fil-qasam tal-organizzazzjonijiet tal-karità; u
f. biex jagħti appoġġ lill-persuni bi bżonnijiet speċifiċi, b'mod partikolari fl-assistenza lil dawn il-persuni biex ikollhom kwalità ta' ħajja aħjar u biex jakkwistaw livell ogħla ta' indipendenza u jkunu jistgħu jfendu għal rashom.

## 7. AMMINISTRAZZJONI U FUNZJONAMENT

7.1 L-amministrazzjoni tal-ħidma tal-Fond ser tkun fdata f'idejn il-BORD tal-Malta Community Chest Fund, li ser jitwaqqaf mill-President, li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ il-"BORD".

7.2 Il-BORD huwa presjedut mill-President bħala Chairperson. Il-President bħala Chairperson tal-BORD jista, kif jidhirlu li huwa meħtieġ u skont id-diskrezzjoni tiegħu, jitlob li l-konsulenti tiegħu jattendu l-laqgħat tal-BORD.

7.3 Il-BORD għandu jkun magħmul minn 'membri nominati' kif maħtura mill-President u minn 'membri rappreżentattivi' maħtura kull wieħed minn dawn li ġejjin:



a. L-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof;
b. kull wieħed mill-partiti politiċi rappreżentati fil-Parlament;

c. il-Konfederazzjoni tat-Trejd Unjins Maltin;
d. il-General Workers' Union;
e. il-Kamra tal-Kummerċ;
f. il-Federazzjoni tal-Industrija;
g. il-Public Broadcasting Services Ltd (li taħtar 2 membri);
h. il-Kunsill Malti tal-Għaqdiet Volontarji;
i. il-Kunsill Nazzjonali Malti taż-żgħażagħ;
j. il-Federazzjoni Maltija tal-Għaqdiet tal-Persuni b'Diżabilità;
k. il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità; u
l. kull Organizzazzjoni/Istituzzjoni oħra skont kif jiddeċiedi l-Bord.

7.4 Ebda membru tal-BORD m'għandu jirċievi xi forma ta' ħlas.

7.5 Il-BORD għandu jkun magħmul mill-uffiċjali li ġejjin, minn fost il-membri tiegħu, li għandhom jinħatru mill-President:

a. Viċi Chairperson.
b. Segretarju/a.
c. Teżorier.
d. Uffiċċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi.

7.5.1 Il-BORD jista' jinnomina minn fost il-membri tiegħu, persuni biex jagħtu pariri u jassistu lil dawn l-uffiċjali.

7.6 Il-'membri nominati' m'għandhomx jinkludu persuni li huma jew Membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti, jew kandidati li kkontestaw l-Elezzjonijiet ġenerali Nazzjonali, l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li jkunu għadhom kemm saru jew li ser jikkontestaw l-Elezzjonijiet ġenerali Nazzjonali, l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li jkunu dikjarati b'mod pubbliku.

7.7 Il-'membri nominati m'għandhomx jinkludu uffiċjali ta' xi partit politiku lokali jew Trejd Unjin f'Malta u Għawdex u/jew internazzjonali.

7.8 Il-'membri nominati' tal-Bord għandhom jibqgħu jservu sal-31 jum ta' Marzu ta' kull sena. Madankollu, għandhom jibqgħu fil-ħatra, sakemm ma jiġix notifikat lilhom b'ittra reġistrata li s-servizzi tagħhom m'għadhomx meħtieġa sal-15 t'April ta' dik l-istess sena.

7.9 Il-'membri nominati' kollha għandhom jirriżenjaw fi tmiem il-ħatra tal-President.

7.10 Il-'membri nominati' kollha li jirriżenjaw fi tmiem iż-żmien tal-ħatra tal-President, jistgħu jerġgħu jinħatru bħala membri tal-BORD mill-President għall-perjodu ġdid ta' ħatra.

7.11 Kull wieħed mill-'membri nominati', li għalkemm jiġi notifikat, ma jattendix erba' (4) laqgħat konsekuttivi tal-bord mingħajr ġustifikazzjoni raġonevoli għall-assenza tiegħu/tagħha, ikollu l-ħatra tiegħu/tagħha tterminata mill-President b'notifika permezz ta' ittra rreġistrata mibgħuta fl-aħħar indirizz magħruf tiegħu/tagħha.

7.12 Il-'membri rappreżentattivi' tal-BORD jistgħu jiġu rtirati u/jew mibdula mill-entità u/jew il-persuna li jirrappreżentaw.

7.13 Il-BORD għandu jiltaqa' mill-inqas darba fix-xahar. Jeħtieġ li jkun hemm kworum ta' ħmistax-il (15) membru fil-laqgħat tal-bord.

7.14 Il-BORD jista' jimpjega indivdwi kif meħtieġ għall-funzjonament xieraq u immedjat tal-ħidma tiegħu, li jirċievu ħlas, skont kif maqbul permezz ta' maġġoranza ta' żewġ terzi (2/3) tal-voti tal-membri preżenti f'laqgħa tal-Bord.

## 8. LAQGĦAT U PROĊEDURI

8.1 Id-data u l-post tal-laqgha li jmiss tal-BORD għandhom dejjem jiġu ffissati qabel l-aġġornament ta' kull laqgħa tal-bord.



8.2 Iċ-Chairperson jista' jsejjaħ laqgħa urġenti tal-BORD skont id-diskrezzjon tiegħu/tagħha. F'okkażjonijiet bħal dawn, l-aġenda ssir miċ-Chairperson u l-membri tal-bord għandhom ikunu notifikati malajr kemm jista' jkun.

8.3 Jekk iċ-Chairperson jew Viċi Chairperson ma jkunux jistgħu jattendu għal laqgħa tal-BORD, il-membri preżenti tal-bord għandhom jaħtru Chairperson minn fosthom biex jippresiedi/tippresiedi l-laqgħa permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri tal-bord.

8.4 Mozzjonijiet ippreżentati waqt il-laqgħat tal-BORD:

a. għandhom ikunu notifikati lill-membri kollha tal-bord mill-inqas erbat (4) ijiem ta' xogħol mid-data tal-laqgħa li jmiss tal-bord li matulha tkun diskussa l-mozzjoni; u

b. sakemm ma jkunux hemm regolamentazzjoni dwar dan, għandhom ikunu approvati b'maġġoranza ta' żewġ terzi (2/3) tal-membri preżenti tal-bord.

8.5 Iċ-Chairperson li jippresiedi għandu jkollu wkoll id-dritt tal-vot deċiżiv fil-każ ta' numru ta' voti indaqs dwar mozzjoni ppreżentata waqt laqgħa tal-BORD

8.6 Kull membru tal-bord jista' jitlob li jittieħed vot sigriet fuq mozzjoni mressqa waqt laqgħa tal-BORD.

8.7 Is-segretarju tal-BORD għandu jżomm minuti dettaljati tal-laqgħat kollha tal-bord, li, meta jkunu riveduti u approvati mill-membri preżenti tal-bord għandhom ikunu ffirmati mis-Segretarju u ċ-Chairperson li qiegħed jippresiedi l-laqgħa tal-bord

8.8 L-abbozzi tal-minuti għandhom jitqassmu waqt il-laqgħat kollha tal-bord biex ikunu riveduti mill-membri preżenti tal-bord qabel ma jkunu approvati mill-membri preżenti tal-bord u qabel il-firma tas-Segretarju u taċ-Chairperson.

8.9 Il-minuti uffiċjali li jiġu ffirmati mis-Segretarju u miċ-Chairperson biss għandhom jitqiesu bħala l-minuti uffiċjali. Kwalunkwe minuti oħra jitqiesu bħala abbozzi ta' minuti tal-laqgħat tal-BORD.

8.10 Il-minuti uffiċjali kollha li jittieħdu mis-Segretarju tal-BORD għandhu jkollhom id-data u jiġu nnumerati b'mod konsekuttiv u għandhom jinżammu b'mod organizzat fl-indirizz uffiċjali tal-Organizzazzjoni. Id-dokumenti kollha li jaslu u/jew jitqassmu matul il-laqgħat tal-BORD għandhom ikunu mehmuża mal-minuti u għandhom ukoll jinżammu b'mod organizzat fl-indirizz uffiċjali tal-Organizzazzjoni.

8.11 Il-minuti uffiċjali ta' kwalunkwe laqgħa tal-BORD għandhom f'kull ħin ikunu disponibbli meta jintalbu minn kull membru tal-BORD. Madankollu, kopji tal-minuti uffiċjali m'għandhom jittieħdu minn ħadd ħlief il-President bħala Chairperson tal-BORD.

## 9. FINANZI U KONTIJIET

9.1 It-teżorier huwa responsabbli li jassigura li l-kotba tal-kontijiet jinżammu b'mod tajjeb, u f'kull ħin, għandhom ikunu disponibbli biex ikunu spezzjonati minn kwalunkwe membru tal-BORD.

9.2 Il-fondi kollha li jiġu rċevuti għandhom jiġu inseriti fis-sistema tas-softwer fid-Database tal-Malta Community Chest Fund.

9.2.1 Għandha tinħareġ irċevuta iġġenerata mis-sistema għall-fondi kollha li jiġu inseriti fis-sistema tas-softwer fid-Database tal-Community Chest Fund.

9.2.2 L-irċevuti kollha li jinħarġu b'dan il-mod għandhom ikunu ffirmati mit-Teżorier jew mill-persuna awtorizzata minnu/ha.

9.2.3 Għandha tinħareġ ukoll irċevuta għall-donazzjonijiet minn persuni/entitajiet anonimi permezz ta' rċevuta ġenerata mis-sistema. F'dan il-każ biss, l-irċevuta li tinħareġ għandha tkun iffajljata u miżmuma b'mod organizzat fl-indirizz uffiċjali tal-Organizzazzjoni.

9.2.4 F'każ li s-sistema tas-softwer tad-database mhijiex qed taħdem, il-fondi kollha għandha tinħarġilhom irċevuta minn kotba tal-irċevuti numerati minn qabel b'żewġ kopji kull waħda, li għandhom imbagħad jiġu inseriti fis-sistema tas-softwer tad-database meta din terġa' tibda taħdem.

9.3 Il-Bord għandu jipprepara kull sena d-dikjarazzjonijiet finanzjarji sal-31 jum ta' Marzu.

9.3.1 Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji għandhom jitħejjew ukoll għall-perjodu minn tmiem is-sena finanzjarja li għadha kemm għaddiet sad-data ta' tmiem il-ħatra tal-President.

9.4 Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu verifikati u ċertifikati minn ditta ta' Accountants u Awdituri Pubbliċi Ċertifikati jew minn żewġ persuni li għandhom il-warrant ta' accountants u awdituri pubbliċi ċertifikati skont l-Att tal-1979 dwar il-Professjoni tal-Accountancy.

9.5 Fi żmien ħames (5) xhur minn tmiem is-sena finanzjarja, id-dikjarazzjonjiet finanzjarji awditjati għandhom jiġu ppubblikati f'mill-inqas żewġ gazzetti lokali ta' kuljum, li waħda minnhom għandha tkun bl-Ingliż u l-oħra bil-Malti.

9.6 Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati għandhom ikunu approvati mill-membri preżenti tal-bord matul il-laqgħa tal-BORD u għandhom jiġu ffirmati miċ-Chairperson u mit-Teżorier tal-BORD.

9.7 Il-BORD għandu jaħtar jew jaħtar mill-ġdid l-awdituri għas-sena f inanzjarja li jmiss.

9.8 Il-kotba tal-kontijiet tal-Malta Community Chest Fund għandhom jinżammu sa perjodu ta' għaxar snin fl-indirizz uffiċjali tal-Organizzazzjoni.

9.9 Il-fondi tal-Organizzazzjoni għandhom jiġu depożitati f'kont tal-Bank u/jew jiġu investiti b'mod ieħor skont kif deċiż minn żewġ terzi (2/3) tal-membri preżenti tal-bord matul il-laqgħa tal-BORD.

9.10 Matul il-laqgħat tal-bord li jsiru ta' kull xahar, it-Teżorier għandu jippreżenta dikjarazzjoni kull xahar lill-BORD li turi l-bilanċ tad-dħul u infieq tal-fondi u l-fondi totali impenjati sal-aħħar tax-xahar immedjatament preċedenti għall-laqgħa li jmiss tal-bord.

9.11 Iċ-ċekkijiet u l-istrumenti l-oħra ta' kreditu għandhom ikunu ffirmati minn tnejn mit-tliet persuni maħtura mill-BORD, li wieħed minnhom għandu jkun it-Teżorier. Jekk it-Teżorier ma jkunx disponibbli, dawn jistgħu jiġu ffirmati mis-Segretarju tal-BORD.

## 10. KUMITATI TA' ĦIDMA TAL-MALTA COMMUNITY CHEST FUND

10.1 Il-BORD għandu jaħtar Kumitati ta' ħidma, meta jiqies neċessarju.

10.2 Il-Kumitati ta' ħidma għandhom ikunu magħmula minn Chairperson, li għandu jkun il-Viċi Chairperson tal-BORD, jew persuna maħtura mill-imsemmi Viċi Chairperson u kwalunkwe persuna preferibilment magħżula minn fost il-membri tal-bord.

10.3 Il-funzjonijiet ewlenin tal-Kumitati ta' ħidma tal-Malta Community Chest Fund jikkonsistu fil-:

a. Valutazzjoni tat-talbiet għall-għajnuna li jsiru lill-Fond.
b. Preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitati ta' ħidma lill-BORD wara l-valutazzjoni tal-għajnuna, inklużi l-fondi li jsiru lill-Fond.
c. Kwalunkwe funzjoni oħra li titqies neċessarja miċ-Chairperson jew il-Viċi Chairperson tal-BORD.

## 11. TQASSIM TA' FONDI

11.1 L-għoti u t-tqassim tal-fondi disponibbli għandhom ikunu taħt ir-responsabbiltà tal-BORD u tal-Kumitati ta' ħidma kif awtorizzati mill-bord innifsu.

11.2 L-applikazzjonijiet jew talbiet kollha li jaslu għall-għajnuna għandhom jiġu inseriti fis-sistema ta' softwer tad-database tal-Malta Community Chest Fund, li tinżamm mis-Segretarju tal-BORD, jew mid-delegat tiegħu/tagħha.



11.3 Is-sistema ta' softwer tad-database tal-Malta Community Chest Fund għandu jkun fiha u tinkludi id-dettalji kollha indispensabbli li ġejjin rigward l-applikazzjonijiet jew it-talbiet għall-għajnuna:

1. id-data tal-applikazzjoni għat-talba għall-għajnuna u/jew fondi;
2. l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tal-karta tal-identità tal-applikant u kwalunkwe dokument ieħor relatat;
3. jekk l-applikant ibbenefikax preċedentement mill-Fond;
4. l-għan tal-għajnuna meħtieġa;
5. jekk ingħatatx diġà kwalunkwe forma ta' għajnuna minn persuni/entitajiet oħra għall-istess talba;
6. l-ammont tal-fondi mitluba u/jew it-tip ta' għajnuna meħtieġa;
7. l-għajnuna li qed tkun irrakkomandata mill-BORD jew mill-Kumitat ta' ħidma;
8. jekk it-talba għall-għajnuna jew fondi qed tkun rifjutata, għandha tkun mehmuża nota dwar dan ir-rifjut;
9. id-data li fiha l-BORD ikkunsidra l-applikazzjoni wara r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' ħidma;
10. l-għajnuna li għandha tingħata jew id-donazzjoni approvata mill-BORD; u
11. id-data li fiha din id-deċiżjoni qed titwettaq billi tingħata l-assistenza u/jew id-donazzjoni mitluba.

11.4 Il-forom kollha ta' għajnuna għandhom ikunu approvati minn żewġ terzi (2/3) tal-membri preżenti tal-bord waqt il-laqgħa tal-BORD, biċ-Chairperson li jippresiedi jkollu l-vot deċiżiv.

11.4.1 Din l-approvazzjoni għandha tinkludi l-firma tal-Viċi Chairperson tal-BORD u l-firma tas-Segretarju tal-BORD sabiex din id-deċiżjoni tkun implimentata skond il-ħtieġa.

11.5 M'għandha ssir ebda donazzjoni li taqbeż iċ-ċifra ta' għaxart elef Euro (€10,000), lill-benefiċjarju wieħed fuq perjodu ta' sena finanzjarja, sakemm ma jiġix awtorizzat b'mod ieħor u approvat minn żewġ terzi (2/3) tal-membri preżenti tal-bord.

11.5.1 Din l-approvazzjoni għandha tinkludi l-firma tal-Viċi Chairperson tal-BORD u l-firma tas-Segretarju tal-BORD biex din id-deċiżjoni tkun implimentata skont il-ħtieġa.

11.6 Jekk tinqala' ċirkostanza fejn Istitut/Organizzazzjoni tal-Karità titlob għajnuna, inklużi fondi għal proġett speċifiku u/jew servizzi, id-deċiżjoni biex tingħata l-għajnuna, inklużi fondi lil dan l-Istitut/Organizzazzjoni tal-Karità għal dan il-proġett u/jew servizzi għandha tkun approvata minn żewġ terzi (2/3) tal-membri preżenti tal-bord.

11.6.1 Din l-approvazzjoni għandha tinkludi l-firma taċ-Chairperson tal-BORD u l-firma tas-Segretarju tal-BORD biex din id-deċiżjoni tkun implimentata skont il-ħtieġa.

11.6.2 Persuna nominata mill-BORD għandha tkun maħtura miċ-Chairperson tal-BORD, u għandha tkun responsabbli ghall-monitoraġġ tal-proġett u/jew servizzi u jkollha d-dmir li tinforma lill-bord b'aġġornamenti ta' kull xahar.

11.7 Għall-finijiet ta' din is-subsezzjoni, l-Istituti/Organizzazzjonijiet tal-Karità għandhom jiġu kkunsidrati bħala benefiċjarju wieħed irrispettivament mill-għadd ta' persuni li jassistu.

11.8 Matul il-laqgħat tal-bord ta' kull xahar, is-Segretarju tal-BORD għandu jippreżenta dikjarazzjoni kull xahar lill-BORD bit-talbiet li jsiru lill-Malta Community Chest Fund għal kull forma ta' għajnuna.

## 12. SOTTOKUMITATI TAL-MALTA COMMUNITY CHEST FUND

12.1 Iċ-Chairperson tal-Malta Community Chest Fund jista' jaħtar sottokumitati biex jgħinu biex jintlaħaq kwalunkwe mill-għanijiet tiegħu.

12.2 Is-sottokumitati kollha għandhom ikunu magħmula minn Chairperson, li għandu preferibilment ikun membru tal-BORD u minn kwalunkwe numru ta' persuni li jitqiesu neċessarji.

12.3 Meta jinħatar u jitwaqqaf sottokumitat, iċ-Chairperson tal-BORD, għandu jiġi infurmat miċ-Chairperson ta' dan is-sottokumitat dwar il-membri tas-sottokumitat, u għandu japprova dawn il-membri tas-sottokumitat permezz ta' approvazzjoni iffirmata bil-miktub.

12.4 Il-membri tas-sottokumitati m'għandhomx jinkludu persuni li huma jew Membri tal-Kamra tar-Rapprezentanti, jew kandidati li jew kkontestaw l-Elezzjonijiet ġenerali Nazzjonali, l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li jkunu għadhom kemm saru jew li ser jikkontestaw l-Elezzjonijiet ġenerali Nazzjonali, l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, u l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li jmiss.

12.5 Is-sottokumitati kollha huma obbligati li jżommu liċ-Chairperson tal-BORD infurmat b'mod korrett dwar l-attivitajiet tagħhom permezz ta' rapport, li jiġi ppreżentat matul il-laqgħat ta' kull xahar tal-bord.

12.6 Il-BORD għandu, bl-approvazzjoni ffirmata taċ-Chairperson tal-bord:

a. jiffissa t-termini ta' referenza tas-sottokumitati kollha;
b. jemenda t-termini ta' referenza meta meħtieġ; u
c. jiddeċiedi dwar kemm idumu fil-ħatra s-sottokumitati.

## 13. RAPPREŻENTAZZJONI

13.1 Ftehimiet iffirmati ta' kwalunkwe ġeneru u kwalunkwe dokument ieħor li jorbot lill-Fond ma' partijiet terzi u partijiet terzi miegħu għandhom ikunu ffirmati miċ-Chairperson u mis-Segretarju tal-BORD.

13.2 Is-Segretarju u t-Teżorier tal-BORD għandhom jirrappreżentaw lill-Fond fil-proċeduri ġudizzjarji.

## 14. REVIŻJONI TAL-ISTATUT U L-EMENDI

14.1 Ir-reviżjoni tal-istatut u/jew kwalunwe emenda tista' ssir biss matul Laqgħa Straordinarja tal-Bord imsejħa mill-BORD.

14.2 Għandha tingħata notifika li ser issir Laqgħa Straordinarja tal-Bord lill-membri kollha tal-BORD mill-inqas erbatax-il (14) jum qabel il-laqgħa permezz tal-posta rreġistrata fl-aħħar indirizz magħruf tagħhom.

14.3 Kwalunkwe reviżjoni tal-istatut u/jew kwalunkwe emenda proposta għandha tkun notifikata lill-membri kollha tal-bord matul il-laqgħa immedjatament preċedenti għal-laqgħa straordinarja.

14.4 Kwalunkwe reviżjoni tal-istatut u/jew kwalunkwe emenda proposta għandha bżonn l-approvazzjoni ta' żewġ terzi (2/3) tal-membri tal-BORD u għandha ssir effettiva meta jiffirmaha iċ-chairperson.

15 Il-BORD u dawk kollha preżenti waqt il-laqgħat tal-bord, jirrikonoxxu d-dritt għall-kunfidenzjalità u m'għandhom jagħtu ebda informazzjoni dwar diskussjonijiet, mozzjonijiet u deċiżjonijiet li ttieħdu matul il-laqgħat tal-BORD.

15.1 Kwalunkwe informazzjoni personali, li tiġi komunikata lill-Fond, għandha tinżamm strettament kunfidenzjali mill-membri kollha tal-bord u tkun proċessata biss skont l-Att tal-2001 dwar il-Protezzjoni tad-Data. L-informazzjoni personali tinġabar biss fid-Database tal-Malta Community Chest Fund jekk din l-informazzjoni tingħata volontarjament fl-applikazzjonijiet għall-għajnuna.

Dan l-Istatut rivedut tal-Malta Community Chest Fund ġie approvat waqt Laqgħa Straordinarja tal-Bord presjeduta mill-Eċċellenza tiegħu, Dr George Abela, President ta' Malta nhar it-22 ta' Settembru 2009 fil-Palazz ta' San Anton, H'Attard, Malta.